**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 90/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Melvin Falzon**
**Jonathan Falzon**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Melvin Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 76484(M) u Jonathan Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0099395(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 00:30hrs ġewwa Triq Schembri, Hamrun:

(1) Ħebbew għal Fathi Hussein Ismail Hamdi Hemida sabiex jinġurjawh, idejquh u jagħmlulu ħsara b'xi mod;
(2) Ħebbew għal Fathi Hussein Ismail Hamdi Hemida u kkaġunawlu offiza ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr C. Muscat, numru ta' reġistrazzjoni mediku 1493 ta' Ċentru tas-Saħħa ġewwa Floriana;
(3) Għamlu inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kienu pprovokati, inġurjaw b'mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat li nhar is-7 ta' Frar 2022, l-imputati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom u wara li l-Qorti tathom zmien adegwat sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni tagħhom, huma kkonfermaw l-istess.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, 13, 221(1), 221(3)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom u kkundanathom għal ħlas t'ammenda ta' tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu kull wieħed.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza qua appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellata tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement tibgħat l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex dan il-każ jiġi ġudikat mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali*".

Rat l-aggravju imressaq mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Frar 2023, xehed Fathi Hussein Ismail Hamdi Hemida fejn huwa ddikjara li qed jaħfer lill-appellati għall-inċident.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravju uniku imressaq mill-Avukat Ġenerali fir-rikors ta'l-appell, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi t-talba kontenuta fl-imsemmi rikors, liema talba il-Qorti fil-preliminari ta' din is-sentenza ċċitat *verbatim*, ma tirriflettiex dak kontenut fl-ilment tiegħu.

Dan qed jingħad għaliex filwaqt li huwa evidenti mill-aggravju kif imfisser mill-Avukat Ġenerali illi l-ilment tiegħu huwa dirett lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta huwa tal-fehma illi fil-konfront ta'l-appellati ma kenux japplikaw il-provvedimenti ta'l-artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-piena hemmhekk infraskritta, mbagħad jitlob sabiex **tkun irrevokata l-liberatorja**[1] u li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex il-każ jinstema' mill-ġdid. Ukoll fl-imsemmija talba l-Avukat Ġenerali jindika illi l-persuna misjuba ħatja hija persuna tas-sess femminili, u mhux żewġ imputati tas-sess maskili, meta jadopera it-terminu "appellata" minflok "appellati".

Illi huwa indubitat illi ż-żewġ appellati kienu misjuba ħatja mill-Ewwel Qorti fuq ammissjoni tagħhom stess u kwindi t-talba kontenuta fir-rikors tal-appell ma tagħmilx sens. Issa għalkemm huwa minnu illi bl-emendi li saru permezz tal-Att I tal-2018, dan in-nuqqas ta' indikazzjoni ċara tat-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell ma jwassalx għal nullita, madanakollu ma jidhirx illi l-Avukat Ġenerali ħass il-ħtieġa li jitlob xi korrezzjoni fit-talba u għalhekk il-Qorti issa għandha idejha marbuta u trid neċessarjament timxi ma' dak hemmhekk mitlub.

Issa l-Qorti ċertament ma tista' tirrevoka ebda ħelsien mill-ħtija fil-konfront ta'l-appellati, billi, kif ingħad, dawn kienu misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet lilhom addebitati fil-konfront tagħhom stess, wara li huma rreġistraw ammissjoni. Ukoll lanqas ma tara l-Qorti li tista' għal xi raġuni tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kif qed jiġi lilha mitlub illi tagħmel u dan għaliex l-aggravju jikkonċerna unikament il-piena inflitta u l-applikazzjoni, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, erronja ta'l-artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Dan ifisser illi ġaldarba il-Qorti ma tistax tagħmel dak mitlub mill-Avukat Ġenerali fit-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell, u ġaldarba l-Avukat Ġenerali ma ħassx illi kellu jitlob korrezzjoni fl-istess tul is-smiegħ ta'l-appell, kwindi l-appell kif formulat ma jistax jiġi milqugħ.

---

[1] Għalkemm il-kelma "ħatja" hija ukoll imħollija barra fit-talba.

Illi fi kwalunkwe każ, billi l-imputazzjonijiet kollha jenħtieġu il-kwerela tal-parti offiża, u ġaldarba l-istess parti offiża ħafer lill-appellati għal dan l-inċident, kwindi lanqas ma jidher illi hemm lok li l-piena tiġi varjata. Dan ukoll għaliex l-appellati ma ressqu ebda appell mis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta'l-Avukat Ġenerali kif kontenuta fir-rikors ta'l-appell u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata.

**Edwina Grima**
**Imħallef**